# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

# A. MICALLEF TRIGONA LL.D, MAG.JURIS (EU LAW)
# MAGISTRAT

**Il-Pulizija**
**(Spettur Geoffrey Azzopardi)**
**vs**
**Jason Cassar**

**Illum 18 ta' Settembru 2001.**

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuzi kontra Jason Cassar ta' 30 sena iben Anthony u Mary Iris née Goodlip, imwieled Pieta` u residenti 39, Flat 2, Old Hospital Street, Valletta, ta' karta ta' identita` numru 235370(M),** akkuzat talli:

l. nhar l-4 ta' Ottubru 2000 ghal habta tal-5.00 p.m. gewwa Bugibba minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ haddiehor u cioe` ta’ Josephine Cassar, f’perikolu car, ikkaguna feriti gravi fuq il-persuna ta’ l-imsemmija Josephine Cassar skond ma’ iccertifika Dr. Sandro Vella M.D mill-Isptar San Luqa;

2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bil-hsieb li jaghmel ferita ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Kenneth Brincat mill-Floriana, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta’ dan id-delitt meta hebb ghall-imsemmi Kenneth Brincat b’turnavit u ponn tal-hadid, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu;

3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli ghad-dannu ta' Josephine Cassar jew ta' persuni ohra, liema hsara ma tiskorrix il-Lm50 (hamsin lira Maltin);

4. fl-istess zminijiet u cirkostanzi volontarjament kiser il-buon ordni u l-kwiet tal-pubbliku u qal fil-pubbliku kliem oxxen jew indicenti;

5. fl-istess zminijiet u cirkostanzi ingurja jew hedded lill-imsemmija Josephine Cassar bil-kliem "darb'ohra nigi u noqtlok";

6. fl-istess zminijiet u cirkostanzi bi hsara tas-sid jew tad-detentur ghamel vjolazzjoni kontra l-proprjeta` ta' haddiehor;

7. kiser irbit solenni li ma jimmolestax bl-ebda mod lill-martu Josephine Cassar skond sentenza tal-Qorti tal-Magistrati, Dr Denis Montebello LL.D. datata 19 ta' Lulju 2000.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali (folio 20) li biha talab li l-kawza tigi trattata bi procedura sommarja mhux opposta mill-imputat;

Semghet il-provi;

Semghet it-trattazzjoni;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Ikkunsidrat:

L-imputat huwa akkuzat bir-reati l'ikkaguna feriti gravi fuq il-persuna ta' martu Josephine Cassar u li ghamlilha hsara volontarja li ma tiskorrix l-Lm50; huwa wkoll akkuzat b'attentat li jikkaguna feriti gravi fuq certu Kenneth Brincat mill-Floriana u b'offizi ohra ta' natura kontravenzjonali.

Il-fatti li fuqhom huma bazati l-akkuzi irrizultaw li graw fil-jum tal-4 ta' Ottubru tas-sena l-ohra meta l-imputat hebb ghal martu billi, skond hu, hija kienet qieghdha tara lill-haddiehor. Ghandu, jinghad li l-imputat u martu huma separati 'de facto' minn xulxin, liema stat kien jezisti wkoll gia` qabel l-incident meritu dina l-kawza. L-allegazzjoni minn naha ta' l-imputat tat-terz baqghet tul il-proceduri allegazzjoni li ma giet b'ebda mod issostanzjata b'xi provi u mill-provi in atti din il-Qorti m'ghandhiex dubbju li kien l-imputat li hebb ghal martu u kkagunalha diversi feriti; principalment f'wiccha li minhabba fihom hi giet rikoverata l-isptar u anki nzammet ghal xi granet taht osservazzjoni.

Issa filwaqt li l-akkuzi safejn jikkoncernaw l-kwerelanta martu jirrizultaw wisq cari kontra l-imputat, l-istess kwerelanta fl-udjenza tat-3 ta' Awissu ta' dina s-sena hafret lill-imputat u irrinunzjat ghal kull azzjoni kriminali sakemm rinunzjabbli. Fuq il-provi li hemm din il-Qorti ma tahsibx li kien hemm xi feriti tali li kienu klassifikabbli bhala gravi b'kull debita riserva ghal xi konsegwenzi li talvolta setghu irrizultaw. Din il-konsegwenza pero` anki mix-xhieda tat-tabib li assista lill-kwerelanta ma jidhrux li kienu f'xi stadju probabbli.

Ghalhekk u fil-konfront ta’ l-ewwel (1), l-hames (5), u s-seba’ (7) akkuzi stante l-mahfra huma llum ilkoll estinti u kwindi hemm procediment ezawrit fil-konfront ta’ dawn l-akkuzi.
Fir-rigward l-akkuzi erba’ (4) u sitta (6) dawn ma jirrizultawx billi hemm nieqsa l-elementi li jikkostitwixxu l-kontravenzjonijiet.

Ghal  dak li jirrigwarda t-tieni (2) akkuza l-persuna hemm imsemmija ma gietx prodotta biex tixhed u mix-xhieda opportuna, konsistenti fl-istqarrija ta’ l-imputat u x-xhieda tal-kwerelanta, xejn ma jemergi li hemm l-elementi rikjesti sabiex ir-reat indikat f'din l-akkuza ireggi. Li jista’ talvolta jirrizulta hi xi intenzjoni li certament mhix kriminalment prosegwibbli.

Jibqa’ biex tigi determinata t-tielet (3) akkuza u cioe` tal-hsara volontarja. Anki hawn din il-Qorti m’ghandhiex dubbju li kull hsara li sofriet l-kwerelanta giet ikkagunata mill-imputat fl-incident ‘de quo’. Hemm bizzejjed provi li din il-hsara eccediet l-ammont ta’ ghaxar liri Maltin (Lml0) izda li kienet inqas minn hamsin lira Maltin (Lm50) Pero` anki f'dan ir-rigward l-kwerelanta hafret lill-imputat u fuq l-iskorta ta’ l-Artikolu 331 tal-Kap 9 l-Qorti qieghda wkoll tiddikjara procediment ezawrit.

In vista tal-fuq espost  il-Qorti qieghda ghalhekk tillibera lill-imputat mit-tieni (2), r-raba’ (4) u s-sitt (6) akkuza u tiddikjara procediment ezawrit fil-konfront ta’ l-akkuzi l-ohra.

A. M. Trigona,
MAGISTRAT.

Niddikjara li ttraskrivejt bis-sewwa u fedelment, u skond l-ahjar taghrif u hila tieghi r-registrazzjoni tat-‘tape’.

Albert P. Calleja,
Dep. Registratur.